MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 1593/2010

**Mobisle Communications (C- 24655)**

**Vs**

**Paul Magro (K.I. 492273M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mija u hames ewro u hamsa u erbghin centezmu (€3105.45) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku cellulari kont numru 469754 moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa illi:-

Hu jikkontesta t-talba tal-attur stante illi l-*mobile phone* tieghu kien insteraq u hu rraporta dan il-fatt lid-ditta attrici.

Ra l-atti tal-kawza

Sema' x-xhieda kollha

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2013 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi sema' x-xhieda ta' Paul Magro li ddikjara li ghaddew xi hames jew sitt snin mindu kellu dan it-telefon. Hu kien irraporta li kien nsteraq, pero' rapport lill-Pulizija ma ghamilx. Iddikjara illi GO kienu nfurmati u nfatti l-linja nqaghtet ghal habta ta' Awwissu, 2009 pero' regghet infethet u xi haddiehor ghamel dawn it-telefonati. Hu ghamel bejn Settembru, 2009 u 2010 gewwa San Blas u ghalhekk ma setghax jaghmel it-telefonati hu ghaliex f'dan il-post ma jhallukx iddahhal mobiles. Ix-xhud iddikjara illi huwa preparat li jhallas is-sentejn dovuti ghall-kuntratt pero' li jhallas il-bilanc le, ghaliex it-telefonati ma ghamilhomx hu. Fl-2010 kien mar il-Marsa ikellimhom ukoll.

It-Tribunal ghandu quddiemu Avviz fejn is-Socjeta attrici qed titlob l-ammont ta' tlett elef mija u hames ewro (€3,105) li gie kkonfermat bil-Gurament tar-Rapprezentant Legali tas-Socjeta' attrici. Illi ma hemmx la *invoices* u lanqas xhieda prodotti mis-Socjeta attrici ta' dan l-ammont. In vista ta' dan it-Tribunal ma huwiex f'pozizzjoni li tivverifika l-ammonti u lanqas biex taqsam l-ammont, pero' in vista tax-xhieda tar-Rapprezentat Legali tas-Socjeta' attrici u tal-konvenut fejn iddikjara li kien f'impossibilta' fizika li jaghmel dawn it-telefonati u anke li jaghmel rapport lis-Socjeta' attrici. Illi ma hemm ebda dokument biex tikkorobora t-talba jew id-difiza tal-partijiet hlief ix-xhieda tat-tnejn.

Ghalhekk *arbitrio boni viri* jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba *in parte* billi jitnaqqas terz tal-ammont mitlub.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba *in parte* fl-ammont ta elfejn ewro (€2,000) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet jiddekorru mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------